



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 27 ta' Frar 2013
(OR. en)**

6909/13

**Fajl Interistituzzjonali:
2013/0054 (NLE)**

**EEE 5
STATIS 20
ECOFIN 154**

PROPOSTA

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	25 ta' Frar 2013
Nru dok. Cion:	COM(2013) 91 final
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XXI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2013) 91 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.2.2013
COM(2013) 91 final

2013/0054 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
dwar emenda għall-Anness XXI
tal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-omoġenità meħtieġa tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġislazzjoni kollha rilevanti tal-UE fil-Ftehim taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tiegħu.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jemenda l-Anness XXI (Statistika) għall-Ftehim taż-ŻEE billi jinkorpora r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 555/2012 tat-22 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani, fir-rigward tal-aġġornament tar-rekwiżiti tad-dejta u d-definizzjonijiet.

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jistipula eżenzjonijiet għan-Norveġja u l-Islanda sabiex ma jirrappurtawx id-dejta tal-bilanċ tal-pagamenti kull xahar lill-Eurostat kif meħtieġ fit-Tabella 1 tal-Anness 1 fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 555/2012 tat-22 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi tali dejta jew mhix prodotta f'tali frekwenza jew tkun teħtieġ riorganizzazzjoni sħiħa tal-qafas tal-għbir tad-dejta, filwaqt li l-Liechtenstein huwa eżentat mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fuq il-bażi tal-punt 19s tal-Anness XXI għall-Ftehim taż-ŻEE

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li, fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni dwar Deċiżjonijiet bħal dawn.

Il-Kummissjoni tissottometti l-Abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun fil-qagħda li tippreżentah fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
dwar emenda għall-Anness XXI
tal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea² ("il-Ftehim taż-ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim taż-ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li, fost l-oħrajn, jemenda l-Anness XXI tiegħu.
- (3) L-Anness XXI għall-Ftehim taż-ŻEE fih dispożizzjonijiet u arranġamenti speċifiċi rigward l-Istatistika
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2012 tal-22 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani, fir-rigward tal-aġġornament tar-rekwiżiti tad-dejta u d-definizzjonijiet³ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE, b'ċerti adattamenti għan-Norveġja, l-Islanda u l-Liechtenstein.

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

² ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

³ ĠU L 166, 27.6.2012, p. 22.

- (5) Għalhekk, l-Anness XXI tal-Ftehim taż-ŻEE għandu jiġi emendat kif xieraq.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni li jinsab meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness XXI għall-Ftehim taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNESS

Abbozz

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

No

ta'

li temenda l-Anness XXI (Statistika) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 555/2012 tal-22 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani, fir-rigward tal-aġġornament tar-rekwiżiti tad-dejta u d-definizzjonijiet¹ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.
- (2) L-Anness XXI għall-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Punt 19s (ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XXI tal-Ftehim taż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej huwa miżjud:

‘- **32012 R 0555:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 555/2012 tat-22 ta' Ġunju 2012 (ĠU L 166, 27.6.2012, p. 22).’
2. It-test tal-adattament huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘(a) Il-punti 1 u 2 tat-Tabella 1 tal-Anness I ma japplikawx għan-Norveġja.

¹ ĠU L 166, 27.6.2012, p. 22.

- (b) It-Tabella 1 tal-Anness I ma tapplikax għall-Islanda qabel Mejju 2017.
- (c) Dan ir-Regolament ma japplikax għal-Liechtenstein.”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 555/2012 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ f[...], dment li jkunu saru n-notifiki kollha, skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE

* [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]